## FAĊILITÀ TAĊ-CHILDCARE GĦAL TFAL TA’ MEMBRI PARLAMENTARI

**4. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI tistaqsi lill-Ispeaker:** Jista’ l-Ispeaker jgħid meta se jitlesta ċ-Childcare għat-tfal tal-Membri Parlamentari?

01.07.2026

**L-ISPEAKER:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fit-30 ta’ Ġunju 2026 iċċirkolajt kwestjonarju fost il-Membri Parlamentari kollha li permezz tiegħu l-Uffiċċju tiegħi jkun jista’ jikkwantifika aħjar il-bżonn għal servizz fejn membri parlamentari jkunu jistgħu jħallu t-tfal tagħhom waqt li jkunu qegħdin jaqdu d-dmirijietom fil-Parlament. Fil-frattemp diġà għaddejjin diskussjonijiet interni u ma’ entitajiet oħra sabiex is-servizz ikun jista’ jitnieda kemm jista’ jkun malajr.

Niġbed l-attenzjoni li filwaqt li fil-qafas regolatorju lokali ċ-childcare hu intiż għal tfal bejn 0 u tliet snin, il-Parlament qiegħed jikkunsidra li s-servizz ikun wieħed ta’ childminding u li allura l-età tat-tfal eliġibbli għal dan is-servizz tkun ukoll għal tfal li għandhom aktar minn tliet snin.

06.07.2026